



Brussell, 7 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8460/21

LIMITE

UK 134

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Dikjarazzjoni tal-Unjoni dwar l-Arċipelagu ta' Chagos/it-Territorju Brittaniku tal-Oċean Indjan - Approvazzjoni tal-Kunsill tad-dikjarazzjoni tal-Unjoni - Deċiżjoni dwar il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali

1. L-Artikolu 774 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni¹ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, jiddefinixxi il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Ftehim.
2. Il-paragrafu 4 tal-Artikolu 774 tal-Ftehim jelenka t-territorji ekstra-Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali mar-Renju Unit li l-Ftehim ma japplikax għalihom.
3. Fis-6 ta' Mejju 2021, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit iddiskuta l-kwistjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-Territorju Brittaniku tal-Oċean Indjan (ST 8459 2021 INIT). L-Istati Membri qablu mal-formulazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Unjoni kif tinsab fl-Anness, li għandha tintbagħat lir-Renju Unit mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni.

¹ (ĠU L 149, 30.04.2021, p. 10–2539).

4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex:
- jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-dikjarazzjoni tal-Unjoni li jinsab fl-Anness għal din in-Nota;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill japprova d-dikjarazzjoni tal-Unjoni li tinsab fl-Anness għal din in-Nota;
 - jiddeċiedi li jippubblika d-Dikjarazzjoni tal-Unjoni li tinsab fl-Anness f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-

Dikjarazzjoni tal-Unjoni dwar l-Arċipelagu ta' Chagos/it-Territorju Brittaniku tal-Oċean Indjan

L-Unjoni Ewropea tiddikjara li r-referenza għat-Territorju Brittaniku tal-Oċean Indjan fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 774 tal-Ftehim għandha tiġi interpretata u implimentata b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali applikabbli.
